MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 367/2007

**Wara l-Ittra Ufficjali datat 8 ta' Frar 2007 fl-ismijiet inversi li saret titolu esekuttiv**

**Martin Baron, is-socjetatijiet kummercjali Star Travel Services Limited, Barons Holdings Limited, Barons Ahn Limited u Change Mart Financial Services Limited**

**vs**

**Peter Paul Darmanin**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti pro et nomine, wara li ppremettew illi l-istess esponent pro et nomine jaghmlu referenza ghall-ittra ufficjali hawn fuq indikata (Dpk MB1);

Illi l-esponent gie notikat permezz ta' att gudizzjarju sussegwenti l-imsemmija ittra ufficjali nhar it-23 t'Ottubru

2007 u dana b'cedola ta' depositu li saret konsegwenza ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 2507/07 (Dok MB2) li l-istess esponent qatt ma gie nnotifikat bih;

Illi l-esponent ghalhekk qed jipprevalixxi mid-disposizzjoni tal-ligi hawn fuq indikata halli jattakka tali ittra ufficjali u din tigi rexissa u ddikjara null u bla effett ai fini u effetti tal-ligi minn din il-Qorti;

Illi l-esponenti jirrilevaw illi l-ittra ufficjali hekk kif imressqa ma fihix il-htigijiet stipulati mill-ligi u dana ghas-segwenti ragunijiet:

a. illi tali ittra ufficcjali hija wahda proceduralment irrita u nulla u dana billi l-ammonti li l-mittenti Peter Paul Darmanin qed jallega li huma dovuti lilu m'humiex dovuti b'mod solidali mill-esponenti u dana ghaliex l-istess P.P. Darmanin kien jippresta servizzi tieghu lil kull wahda mill-esponenti b'mod separat u distint u l-istess Martin Baron proprio u s-socjetajiet kummercjali ghandhom personalita' guridika separata u distinta. Ghalhekk il-mittenti P.P. Darmanin ma seta' qatt jaghmel tali dikjarazzjoni bil-gurament tieghu li kien hemm is-solidarjeta' fost l-esponenti ghaliex din qatt ma ezistiet u qatt ma kienet espressa u fit-tieni lok fl-ahjar ipotesi ghalih kellu jaghmel procedura ai termini ta' l-Art. 166 A b'mod separat ghal kull wiehed mill-esponenti;
b. illi n-numru tal-karta ta' l-identita' ta' Martin Baron hekk kif indikat fl-imsemmi ittra ufficjali huwa erroneju (Ara Dok MB3);
c. illi l-ismijiet tal-kumpaniji Baron Holdings Limited u Baron Ahn Limited m'humiex korretti u dana ghaliex l-ismijiet korretti huma Barons Holdings Limited u Barons Ahn Limited;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet hawn fuq spjegati ma hemmx il-htigijiet skond il-ligi fl-ittra ufficjali hawn fuq indikati.

Umilment talbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha fl-ewwel lok tirrexindi tali ittra ufficjali u fit-tieni lok tiddikjaraha bhala wahda nulla u bla effett u dana that dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 16 u fol 17 ibid) u li biha espona umilment:-

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghar-ragunijiet segwenti:
2. Illi fl-ewwel lok, l-esponent jinsisti fuq is-solidarjeta' bejn Martin Baron u s-socjetajiet minnu rapprezentanti, u tali socjetatjiet bejniethom. Tali solidarjeta' tohrog l-ewwelnett mill-ligi kummercjali ordinarja, billi kull min fil-kummerc jitlob servizz konguntement ma haddiehor jitqies li huwa solidarjament responsabbli ghall-hlas ta' tali servizz. Di piu', accountant li huwa mitlub jiehu hsieb il-kontabilita' ta' sister companies, cioe' ta' socjetajiet li ghandhom shareholding komuni, irid jaghmel ezercizzju sabiex jistabilixxi jekk hemmx il-htiega ta' consolidated accounts o meno, u dan huwa obbligu mpost fuqu mill-ligi stess; tali esecizzju jrid isir sija jekk jirrizulta li tali consolidated accounts huma necessarji u sija jekk le, b'mod illi kull servizz ta' kontabilita' moghti lil kull kumpannija tas-Sur Baron awtomatikament tinkudi servizzi li jinvolvu lill-kumpaniji l-ohra ta' l-istess Baron;
3. Illi dwar il-posizzjoni tas-Sur Baron innifsu, ma hemm l-ebda dubju li kien hu personalment illi talab is-servizzi in kwistjoni, u dment li ma jirrizultax li ezima ruhu mir-responsabilita' personali ghall-hlas, ghandu jitqies personalment responsabbli;
4. Illi minghajr pregudizzju ghall-prmeess, jigi rilevat illi mhijiex kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti li tistabilixxi jekk l-esponent kien intitolat li jitlob tali solidarjeta', imma biex tara jekk kienx hemm xi vizzju ta' forma f'tali talba – il-mertu ghandu jitqies bhala gudikat dment illi ma jigix ippruvat illi kien hemm nuqqas ta' notifika jew vizzju ta' forma li mhuwiex sanabbli;
5. Illi l-vizzji ta' forma indikati jirreferu ghal zbalji ta' *typing* jew ta' ortografija fl-isem jew fin-numru ta' xi socjeta' rikorrenti. Dwar dan, l-esponent jissottometti umilment:

i. illi zbalji tat-tip indikati mir-rikorrenti huma sanabbli ai termini ta' l-artikolu 175 Kap. 12, billi tali

artikolu jaghti s-setgha lil kull qorti sabiex tissana kull zball fl-atti sa dakinhar li tinghata sentenza – billi din ser tkun l-ewwel darba li dan il-kaz ser jinstema', dina l-Qorti ghandha s-setgha u tissana kull zball li jista' jirrizultalha, u l-esponent jirrizerva li jaghmel kull talba li tirrizulta necessarja skond ir-rizultanzi;

ii. illi indipendentement mis-sanabilita' ta' l-izbalji allegati mir-rikorrenti, hija gurisprudenza stabbilita tal-qrati taghna li zbalji tipografici jew ortografici fl-isem ta' parti ma jittiehdux in konsiderazzjoni jekk mill-assjem ta' l-inkartament ma jkunx hemm dubju dwar l-indentita' ta' dik il-parti; fil-kaz in ezami, gew notifikati l-kumpanniji kollha rapprezentati mis-Sur Baron, illi nduna bl-izball ghaliex kien jaf ghal liema kumpannija kienet qed issir referenza, mhux ghaliex gie ndott f'xi zball minhabba l-allegati zbalji. Fi kliem iehor, l-izbalji allegati huma ta' natura tant frivola li ma kien hemm l-ebda possibilita', fir-realta', li s-Sur Baron seta' haseb li kien hemm xi kumpannija ohra inovluta;

iii. Illi fit-tielet lok, biex il-Bank sekwestratarju ddepozita flejjes, bil-fors illi l-flus instabu f'kontijiet ta' partijiet li kienu ndikati sewwa jew li l-identita' taghhom setghet tigi stabbilita minghajr problemi. Jekk allura l-izbalji allegati jikkoncernaw kumpanniji li taghhom ma gewx maqbuda assi, il-kumpanniji indikati korrettament m'ghandhomx jibbenefikaw minn kwalunkwe zball fid-dettalji tal-partijiet l-ohra.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-istess rikorrenti pro et nomine</u> xehed (fol 27 et seq ibid) illi l-intimat kien l-awditur ta' "xi kumpanija li fihom kont involut" u dan kemm bhala direttur kemm bhala l-azzjonista magguritarju. In rigward l-ammont mitlub mill-intimat fl-ittra ufficjali in esami dan hu dak pretiz mill-

intimat ghas-servizzi rezi minnu bhala awditur, kif jidher mill-fattura esebita in atti a fol 29.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-ittra ufficjali in esami li tinsab esebita, bhala vera kopja fotostatika a fol 4 ibid, jidher, minnha stess, illi l-intimat interpella kemm lir-rikorrenti kemm lill-kumpanija hemm specifikatament imsemmija sabiex, solidalment bejniethom jhallsu, lill-istess intimat, is-somma ta' Lm1301.50 "in konnessjoni ma' servizzi u spejjez professjonali rezi u inkorsi a beneficcju ta' l-intimati fuq inkarigu taghhom".

Illi din l-ittra ufficjali giet presentata a bazi tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Difatti hemm imnizzla u miktuba it-twissija rikjesta mill-ligi "ad validitatem" illi f'kaz li l-interpellat ma jwegibx fi zmien tletin (30) jum, l-istess ittra ufficjali ssir titolu ezekuttiv. Mill-atti jidher illi din it-twegiba permezz ta' nota, ma saritx u ghalhekk l-ittra ufficjali trid tigi konsiderata ghala titolu ezekuttiv, skond l-artikolu citat ghal kull effett u fini tal-ligi. Effettivament, l-ittra ufficjali, debitament notifikata (ara fol 4 u fol 5 ibid) giet segwita bil-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv u b'cedola ta' depositu presentata mill-"Bank of Valletta p.l.c." u li permezz taghha l-istess Bank iddeposita s-somma ta' Lm1473 (ara ukoll it-talba ghall-izbank ta' din is-somma maghmula mill-istess intimat a fol 13 ibid bir-risposta rikorrenti pro et nomine a fol 12 ibid).

Ikkunsidrat

Illi dwar l-ilment tar-rikorrenti bl-ittra A, jigi rilevat illi:-

a) Ir-rikorrenti pro et nomine seta jipprovdi permezz ta' nota appositorja kif rikjesta mill-ligi. Kif di gja gie premess dan ma sarx u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tara kif, f'dan l-istadju, l-istess Qorti ghandha jew tista' tesamina u tiddeciedi jekk, filfatt, hemmx solidarjeta, presunta f'materja ta' natura kummercjali bejn ir-rikorrenti u s-socjetajiet kummercjali involuti, li taghhom l-istess rikorrenti kien direttur u azzjonista maggoritarju.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel ma dak sottomess mill-intimat fir-risposta tieghu fis-sens illi "… mhijiex kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti (s'intendi f'dan l-istadju) li tistabilixxi jekk l-esponenti kien intitolat li jitlob tali solidarjeta imma biex tara jekk kienx hemm xi vizzju ta' forma f'tali talba…."

Ikkunsidrat

Illi l-istess rikorrenti jilmenta, ukoll, illi, fl-istess ittra ufficjali,hemm zbalja kif specifikah bl-ittri "B" u "C" a fol 2 tal-atti, cjoe numru tal-karta tal-identita tar-rikorrenti li hu erroneu u l-ismijiet ta' tnejn mis-socjetajiet kummercjali involuti li huma zbaljati ukoll. Dwar dan, jidher car li dawn l-izbalji huma estranament minuri u b'applikazzjoni tal-artikolu 175 tal-istess Kodici fis-subinciz (1), l-istess zbalji setghu jigu korretti a bazi ta' dan l-artikolu billi tali "… sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza".

Illi ghandu jigi rilevat u sottolineat illi kif jidher mill-atti, wara n-notifika tas-sekwestru ezekuttiv lill-Bankek sekwestratarji, wiehed minn dawn iddeposita permezz tac-cedola a fol 7 ibid, is-somma hawn fuq indikata peress li l-istess Bank seta', facilment jidentifika lir-rikorrenti pro et nomine.

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl ta' dak premess, l-ittra ufficjali in esami ghandha tigi konsiderata bhala valida ghal kull effett u fini fil-ligi, skond l-artikolu 166A hawn fuq citat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet in esami bl-ispejjes jithallsu, solidalment mir-rikorrenti pro et nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------